# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **27** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Skużat | Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur David Massa (Ambaxxatru Kunsill taż-Żagħżagħ) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 26.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Ħatra ta' bord t'aġġudikazzjon għas-sejħa t'offerti KLM 2014/05 – *Professional service of an architect for the upkeep and maintenance of roads pavements and other infrastructural projects.*
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 26(1) tat-22 ta' Settembru 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier s-Sur Charlot Cassar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 26(1) tat-27 ta' Ottubru 2014:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq punt #1.1.2 ta' paġna 2 jekk konniex bagħtna l-ittra lis-stabbiliment fi Triq ix-Xatt li kien waħħal il-perspex mal-bankina.

Is-Sindku wieġbu illi kien kellem lil dan is-sid u nfurmah illi ma kienx konformi mal-permess. Huwa kompla jispjega illi s-sid kien infurmah illi hu kien ippoġġi l-imwejjed u siġġijiet skond il-permess. Is-Sindku żied jgħid illi tal-Lands x'aktarx għadhom ma kelmuħx.

Is-Sindku kompla jgħid illi jista jkun illi tal-Lands bdew min-naħa ta' isfel tal-ħwienet li hemm fi Triq ix-Xatt u rigward l-istruttura tal-perspex issa jkelmuh iktar tard.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk nippermettu illi ~~is-sidien tal-ħwienet jagħmlu~~ is-sid tal-ħanut jagħmel affarijiet li mhux skond il-permess ser nispiċċaw b'diversi ħwienet illi jiksru l-liġi. Huwa qal li dejjem saħaq illi dak li huwa tal-ħwienet għandna ntuwulhom u dak tar-residenti ukoll.

➢ **Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fis-6:20pm.**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kull ħaġa li hija permanenti fuq il-bankina għandha tiġi mneħħija.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi huwa kien bagħat ittra lil dan l-istabilliment biex ineħħi l-perspex.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil Lands Department biex naraw x'permess għandu kif ukoll lil MEPA sabiex filkas tinħareġ *enforcement*.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri fuq punt #2.1.4 ta' paġna 3 u qal li għalkemm l-istrutturi tneħħew mil-bandli taż-Żonqor staqsa f'liema stadju wasalna, jekk hux ser nħejju xi pjanti sabiex naħdmu fuq it-*tender*.

Is-Sindku wieġbu illi kif nlestu l-ġnien ta' San Tumas ser nibdew naħdmu fuq dan il-proġett.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt # 2.1.6 ta' paġna 4 rigward id-dawl tal-milied jekk għandiex risposta.

Is-Sindku wieġbu illi huwa kellem lis-Sur Montabello tal-Wasteserv fejn infurmah illi mhux ser toħroġ kwotazzjoni iżda żewġ *direct orders*.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paragrafu 6 ta' paġna 5 jekk għandiex xi *update* fuq il-*cameras* fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ktiebna lit-TM pero` bqajna bla risposta. Huwa kompla jgħid illi min-naħa tat-TM kienu diġa nfurmawna illi meta triq ma tkunx arterja ma ssirx min-naħa tat-TM.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi talab lit-TM għal żewġ *mounted sleeping policeman* fi Triq ix-Xatt, waħda fejn hemm diġa quddiem il-*Cool's water* u l-oħra quddiem il-*Lemon n' lime*.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq punt #2.1.9 ta' paġna 5 sa fejn jaslu l-konfini ta' Marsaskala fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-konfini jaslu sa ftit il-fuq mill-Onor Helena Dalli ħdejn il-*junction*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qed jqajjem dan il-punt għaliex iċċekja fil-minuti tal-Kunsill taż-Żejtun fejn qara li din it-talba għal sleeping policeman kienet ġiet min-naħa tagħhom għaliex tirriżulta fil-minuti tas-seduta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ikkomunika dak il-ħin stess ma rappreżentant tal-Kunsill taż-Żejtun fejn qallu illi it-talba ma saritx mill-Kunsill iżda TM kienu kkomunikaw mal-Kunsill tagħhom fejn nfurmawhom illi kienu ser jsiru dawn l-*isleeping policeman* f'din it-triq.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt # 3,11 ta' paġna 10 jekk kellniex xi żviluppi fuq il-*family park*.

Is-Sindku wieġbu illi kien kellimhom u nfurmawh illi ser tinħareġ *expression of interest.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rridu noqogħdu attendi kif ser jsir il-ftehim. Huwa ġab eżempju illi fil-ftehim tal-ex pixxina kien hemm imniżżel illi din tista tintuża kemm mill-Gvern Ċentrali kif ukoll mill-Kunsill Lokali kull meta jkunu jridu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk ir-ridott tal-Franċiż jkunx għaqli illi noħduh f'idejna għaliex wieħed irid jikkunsidra kif ser nieħdu ħsieb l-manutenzjoni tiegħu minħabba li jinvolvi ħafna spejjes.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq punt #3.4 ta' paġna 8 jekk konniex bgħatna l-ittra lill-AKL rigward il-kwistjoni tal-latrini.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra nbgħatet u l-President kien wieġeb li ser jibda jaħdem fuqha.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 11 punt #7.1 jekk għandniex xi nformazzjoni fuq il-magħluq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fil-kommunikazzjoni li kienet għaddejja rigward din il-materja kien staqsa jekk il-~~papri hux ser jitneħħew~~, iżda kien baqgħa mingħajr risposta.
Korrispondenza kienet biss relata mal-papri

Is-Sindku qal illi l-papri huma parti mill-problema, għaliex qed jitħalla l-ikel imxerred ta' min qed jitmagħhom u b'konsegwenza qed jkun hemm il-ġrieden. Huwa żied jgħid illi xi ħadd għadda l-informazzjoni lill-Onor Falzon fejn min-naħa tiegħu nfurmah illi ser jneħħu xi papri u anke jnaddfu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din il-ġimgħa kien hemm mistoqsija parlamentari fuq il-magħluq u wieġeb il-Prim Ministru. Huwa kompla jgħid illi peress li huwa post antik jridu jsiru l-istudji.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li hemm affarijiet illi jistgħu jsiru mingħajr ma naqbżu lin-*Natura 2000. Huwa kompla jgħid illi nistgħu inneħħu l-papri u jekk hemm problema ta' ċirkulazzjoni tista tittranġa forsi nkunu nistgħu nieħdu xi fondi mill-Ewropa.

Is-Sindku qal li ma nistgħux nużaw fondi minn tagħna għax il-Magħluq mhux responsabilta` tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega illi ilna għaddejjien żmien twil niddiskutu u niltaqgħu ma entitajiet ikkonċernati sabiex nsolvu l-problema tal-magħluq. Huwa kompla jispjega illi fl-aħħar laqgħa li saret mad-Direttur Ġenerali u uffiċjali oħra tad-diviżjoni tax-xogħolijiet kienu urewhom pjanti kif ser issir l-istruttura. Huwa kompla jispjega illi ser jidjieq il-briġġ u anke issir il-kostruzzjoni tat-triq. Huwa saħaq illi saru ħafna studji u m'hemmx bżonn li jsiru iktar studji, l-uniku ħaġa li għad ma hemmx ftehim huwa dwar minn ser jagħmel dan ix-xogħol u meta ser jsir. Huwa kompla jisħaq li aħna bħala Kunsill nistgħu nkomplu nagħmlu pressjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lid-Direttur Generali tal-*Works Division* is-Sur Ray Farrugia sabiex jagħtina n-numru tal-applikazzjoni u nagħmlu pressjoni fuq il-MEPA u nikkupjaw lil Onor Falzon.

## 3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

### 3.1 **Deċiżjoni mit-tribunal ta' reviżjoni ta' l-ambjent u l-ippjanar dwar Mobile Kiosk f' San Tumas (35/5785/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera illi l-propjetarju tal-kjosk tal-Bajja ta' San Tumas tefa l-appell rigward l-applikazzjoni li kien issottometta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi rridu noqogħdu attenti meta toħroġ l-applikazzjoni l-ġdida.

### 3.2 **Pjan ta' azzjoni – Reġjun Xlokk draft consultation:**

Is-Sindku ppreżenta dan id-draft bil-proposti fuq il-lokalita tagħna.

*Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi paġna X11 il-bajja ta'* Marsaskala qiegħda immarkata ħażin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Bajja ta' San Tumas għandha bżonn ta' *refurbishment* u forsi tidħol f'din il-lista.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ninfurmawhom illi fuq il-mappa l-bajja immarkata ħażin kif ukoll illi jibgħatulna spjegazzjoni aħjar ta' x'hemm propost illi jsir f' Marsaskala peress illi l-*bullet points* mhux spjegati tajjeb.

### 3.3 ***Ħajt li qed jidditerjora fi Triq iż-Żonqor:***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ilu jiġbed l-attenzjoni illi l-ħajt li hemm ħdejn il-blat fi Triq iż-Żonqor faċċata tal-bandli qed jiddeterjora u qed jibża li xi darba jew oħra tista iċċedi t-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lis-Sur Ray Farrugia d-Direttur tal-*Works Division* sabiex nerġgħu ninfurmawh dwar dan.

3.4 **Applikazzjonijiet mill-Kunsill għall-skemi dwar inizjattivi t'attivitajiet:**

Is-Sindku qal li applikajna bħas-sena ta' qabel u bl-istess *budget*.

3.5 **Minuti tal-laqgħa ma l-Onoerovli Silvio Parnis u korrispondenza fil-ġurnali relatata mal-proposta ta' lukanda u lido fil-lokalita` ta' Marsaskala:**

Is-Sindku beda biex jispjega illi qabel ma ħarġet fil-*media*, ġimgħa qabel kien irċieva imejl sabiex issir laqgħa mal-Onor Silvio Parnis u peress li s-Segretarju Eżekuttiv kellhu laqgħa oħra fl-istess ħin allura is-Segretarju Eżekuttiv ma setax ikun preżenti f'din il-laqgħa. Huwa kompla jgħid illi fost affarijiet oħra illi l-lokalita` tagħna tiffaċċja diversi problemi hemm il-problema tal-Magħluq u tal-eks *Jerma Palace Hotel.* Huwa saħaq illi qatt ma kien hemm diskussjonijiet fuq affarijiet li kien hemm imniżżel fil-*media.*

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar jekk din il-materja ġietx diskussa fil-laqgħat illi jattendi hu bħala rappreżentant tal-~~PN~~ (oppożizzjoni) fil-kumitat konsultattiv tan-naħa ta' isfel ta' Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar wieġbu illi peress li huwa f'dan il-kumitat ma jkunx bħala Kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala iżda rappreżentat tal-~~PN~~ (oppożizzjoni) allura ma jkunx jista jgħid x'ikun intqal waqt dawn il-laqgħat. Huwa ssuġġerixxa illi tintbagħat rikjesta formali liċ-*Chairman* l-Onor Silvio Parnis u jistaqsi lilu.

Is-Sindku staqsieh jekk għal inqas jistax jgħdilna jekk ġiex diskuss dan il-proġett tan-naħa taż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar wieġbu illi l-aħjar nibgħatu liċ-*Chairman* u nistaqsu lilu.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li biex tiġi diskussa din il-materja jrid jkollna xi dokumenti uffiċjali mhux biss x'intqal mill-*media.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fil-minuti tal-laqgħa ma hemmx imniżżel li ġiet diskussa din il-materja imma semmiet biss fil-*media* allura jkun aħjar li nitolbu lill-kumitat sabiex jgħaddulna aktar dettalji.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu liċ-*Chairman* lil Onor Silvio Parnis sabiex nitolbuhom il-proposti fil-kuntest li deher fil-*media* u nżommu lill-Kunsilliera ikkupjati bil-kommunikazjoni.

Il-Kunsilliera tkellmu fuq l-abbandun u l-istat li tinsab fija l-eks *Jerma Palace Hotel* li ma jistax jkun illi r-residenti jibqgħu jsofru dan l-inkonvenjent.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-passat l-art fejn tinsab l-eks *Jerma Palace Hotel* kienet art pubblika imbagħad kienet ingħatat lill-privat u nbniet lukanda u fil-preżent l-istat li jinsab fih dan is-sit huwa diżastrus.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna bħala Kunsill għandna nkomplu nagħmlu pressjoni ħalli din il-pjaga tintemm.

3.6 **Tender tad-dawl tat-toroq (35/5638/14I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi t-*tender* kien ħareġ mil-kumitat konġunt magħmul minn ħames Kunsilli Lokali wara li saru l-arranġamenti neċċessarji.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lill-kumitat konġunt sabiex il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jkun parti mill-bord t'aġġudikazzjoni.

3.7 **Arranġament ma' Paws Malta biex jitħaffef il-proċess ta' cat neutering (35/5558/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi konna ltqajna ma' *Paws Malta* fejn ipproponew illi jinnuterjaw sa massimu ta' 50 qattus fix-xahar. Huwa kompla jispjega illi din il-ġimgħa *rċevejna mingħad Happy Paws fejn qalulna illi kienu ser jingħaqdu mal-Annimal Gurdians fejn* lil-Kunsill ser jiċċarġjawna prezz ridott għalkemm għadhom ma qalulniex kemm hu l-prezz.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jekk inżiedu fl-ammont tal-qtates ser nkunu qed nżiedu fil-prezz li nħallsu lit-*trapper*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab biex nerġgħu nibgħatu *reminder* lil Ministru rigward il-possibilita ta' santwarju fil-*family park* u nżommu lil Onor Galdes ikkupjat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naraw kemm ser jiċċarġjawna l-*Happy Paws* u nippruvaw *naħdmu kemm ma Paws Malta u kemm ma' Happy Paws.*

3.8 **Ikla tal-Milied fil-15 ta' Diċembru 2014:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-ikla tal-Milied ser issir ġewwa *Brown's* restorant li jinsab *Valletta Waterfront*.

3.9 **Reception tal-Milied:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-bibita` ser ssir fit- 3 ta' Jannar fit-8.00pm fis-Sala Sant'Anna u San Gwakkin u talab lill-Kunsilliera illi jekk għandhom xi membri tas-sotto kumitat jgħaddulna l-informazzjoni ħalli nistednuhom.

3.10 **Proġett ta' Siret:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-proġett ta' Siret, Romania qed ikun jaħdem fuqu u kull kunsillier huwa mistieden biex jagħti s-sehem tiegħu. Il-fondi diġa waslu u se jkun qed iżomm rendikont ta' l-attivitajiet.

3.11 ***Korsijiet għax-xitwa organizzati mit-TCTC (35/5825/14/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill x'korsijiet bi ħsiebna nagħmlu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi fix-xitwa jsir Learn IT u fis-sajf jsir Ikids.

3.12 **Programm LEAP:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi se jsir programm LEAP sabiex nies li huma vulnerabbli jew f'xi diffikulta soċjali jerġu jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Huwa kompla jispjega illi aħna bħala Kunsill qedgħin flimkien mal-Kunsill taż-Żejtun u l-Kunsill ta' Marsaxlokk u r-rappreżentant ser ikun il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud li f'Diċembru ser jsiefer il-Portugal fuq dan il-proġett.

Is-Sindku kompla jispjega illi dawn offrew l-għajnuna illi jbajdu t-*training centre* u anke jistgħu jibgħatulna persuna sabiex toqgħod fit-*training centre*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-kompjuters illi suppost għandna fil-Kunsill għal-użu tar-residenti għandna npoġġuhom fit-*training centre* jekk ikun hemm persuna li ser tkun hemm.

3.13 **Bord ta' Aggudikazzjoni għat-tender tal-Miżura 413.a5 fiż-żona tal-Bidni.**

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-membri tal-bord se jkunu s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, l-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff, il-Perit Aaron Abela u s-sur Joe Mercieca jew is-Sur Brian Farrugia.

3.14 **Żieda fin-notch tal-iskrivana Sharon Schembri mil-1 ta' Diċembru 2014:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasal iż-żmien illi l-Iskrivana Sharon Schembri tiżdied fin-notch mil-1 ta' Settembru 2014.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.15 **Risposta mill-Onorevoli Falzon rigward il-possibilta` li jintużaw il-fondi tal-UIF għal bini ta' l-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tlabna sabiex nużaw il-fondi tal-UIF għal-bini amministrattivi tal-Kunsill iżda t-talba tal-Kunsill ġiet irrifjutata minħabba li l-policies tal-UIF jistipolaw hekk.

3.16 **Kunsill Lokali Żgħażagħ:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi fin-nuqqas tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri kellu l-pjaċir jinforma lill-Kunsill li l-membri tal-Kunsill taż-żagħżagħ Marsaskala rebħu l-iskema fejn 80% tal-proġett ser jkun iffananzjat mill-Gvern Ċentrali li jammonta għal €1931.41 u 20% tal-proġett ser ikun iffinanzjat mill-Kunsill.

3.17 **Skola Primarja ta' Marsaskala:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kellmuh xi ġenituri fejn staqsewh jekk hux ser titkabbar l-iskola primarja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi art ħdejn l-iskola li qabel kienet agrikola issa reġa ħada lura l-Gvern u għaldaqstant issa hemm il-possibilta` li titkabbar l-iskola.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal sabiex nibgħatu lill-Ministru tal-Edukazzjoni sabiex naraw jekk is-sena dieħla hux ser tinbena parti oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li irridu naraw it-*traffic management* ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil Ministru.

3.18 **Attivita` b'risq l-Inspire:**

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree` Attard qalet li se jsir *high tea* mal-mara tal-Prim Ministru b'risq l-Inspire u staqsiet jekk nistgħux niġbru xi fondi.

Is-Sindku wieġibha illi ma tistax issir donazzjoni iżda nistgħu ngħinu billi nipparteċipaw.

3.19 **Laqgħa Annwali Ġenerali Douzelage:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi bejn is-16 u 19 t'April 2015 ser issir il-laqgħa annwali ġenerali ġewwa ir-Rumanija u qal illi ser jitlu r-rappreżentatni bħas-snin ta' qabel, jiġifieri s-Sindku u l-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud u s-Sur Sandro Gatt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hemmx bżonn li jitilgħu tlett rappreżentanti meta wieħed jikkunsidra illi jekk irridu nibnu l-bini tal-Kunsill ma nistgħux naffordjaw ċertu nfiq. Huwa kompla jgħid illi huwa ma jaqbilx li jitilgħu tlett membri.

Is-Sindku wieġbu illi kull pajjiż jkollhom iktar minn tlett membri u aħna l-uniku pajjiz bi tlett membri u ma tistax itella preżentazjoni tajba b'inqas membri u anke meta wieħed jrid jifhem illi dawn jinqasmu f'*workshops* differenti.

Il-Kunsilliera Charlot Mifsud u Sandro Gatt spjegaw illi huwa jkunu qedgħin jattendu laqgħat separatament peress illi jkun hemm diversi laqgħat.

Is-Sindku kompla jgħid illi r-residenti ta' Marsaskala speċjalment iż-żgħażagħ dejjem ibbenifikaw mill-organizzjoni tal-ġemelaġġi *Douzelage*. Is-Sindku kompla jgħid illi ħafna nies mill-komunita` skalina ta' kull eta` ggwadanjaw minn din l-organizzazzjoni peress li marru barra minn xtutna f'diversi muniċipalitajiet fl-Ewropa, biex b'hekk tħaltu ma kulturi differenti. Fost diversi pajjiżi żaru *Sherbourne, Susice, Judenburg,Chojna, Kotzeg, Sigulda, Zvolen* kif ukoll Belaggio. Min naħa l-oħra diversi gruppi permezz ta proġetti differenti ġew anke f'Marsaskala fejn apparti li kellna studenti barranin li ħadmu fl-istabilimenti tan-negozji tagħna mingħajr ħlas, stajna wkoll indawru l-ekonomija tal-komunita` tagħna. Huwa kompla jgħid illi min qed jaħseb li Marsaskala ma gwadanjat xejn mid-Douzelage ifisser li ma jsegwix kollox.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq pagamenti #1987 sa #1992 jekk qbiżniex id-*direct order.*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ma qbiżniex id-*direct order* apparti li fl-istess pagamenti kien hemm xiri ta' kompjuter kif ukoll diversi servizzi oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-aħjar nistaqsu kemm hi r-rata fis-siegħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-aħjar inġibu ukoll rata ta' xi ħadd ieħor u nużawhom it-tnejn li huma.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li pagament #2018 tal-ELC mhux ser jiċċertifikah għaliex hemm diversi xogħolijiet pendenti u qabel ma jlestu dawn ix-xogħolijiet ma għandux jitħallas.

*Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.*

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq pagament #2027 jekk dawn kienux il-globi li kellhom jgħinuna fir-*refurbishemnt* tagħhom mit-Turiżmu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li mhux dawk kellhom jgħinuna fuqhom imma ta' Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li sar arblu quddiem Pizza By Luca fi Triq ix-Xatt u talab lil Kunsilliera jagħtu s-suġġeriment tagħhom jekk hux l-aħjar dawl abjad jew isfar.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsilliera żewġ pagamenti peress li ma laħqux daħlu fl-iskeda tal-pagamenti

1. Pagament lill-Kappillan bl-ammont ta' €450.00.
2. Pagament lis-Sur Johnny Buhagiar bl-ammont ta' €1150.00.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħallsu dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier s-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Ħatra ta' bord t'aġġudikazzjon għas-sejħa t'offerti KLM 2014/05 – Professional service of an architect for the upkeep and maintenance of roads pavements and other infrastructural projects.***

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-membri tal-bord ikunu s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Desiree` Attard u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar. Id Data tal-laqgħa ser ssir il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru fit-3.30pm.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar nfurmat lill-Kunsilliera bl-attivitajiet li ġejjien.

1) Is-Sibt 6 ta' Diċembru mis-6.00pm u l-Ġadd 7 ta' Diċembru 9.00am ser issir esibizzjoni ta' presepji fis-Sala San Ġwakkin.
2) Il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru fis-7.15pm fil-Knisja Parrokjali se jsir Kunċert Korali.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-21:30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku